MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1267/1999/1

**ATLAS INSURANCE AGENCY LTD. aġenti f'Malta tas-Soċjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Michael Attard Limited**

**vs**

**SEA MALTA COMPANY LIMITED u The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-1 ta' Ġunju, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi *proprio* u *nomine* talbet li l-Qorti ssib lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, ħatja għat-telf li l-assikurata tagħha ġarrbet f'merkanzija li din daħħlet f'Malta minn barra; talbet ukoll li l-ħatja iħallsuha ħames mija u tlieta u ħamsin lira Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm 553.80) li tirrappreżenta l-ħsara

likwidata li ħallset lill-assikurata tagħha għall-ħsara mġarrba fl-imsemmija merkanzija;

Rat in-Nota mressqa fl-1 ta' Ottubru, 1999, li biha l-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li l-ħsarat reklamati mill-assikurat ma joħorġux mit-*Tally Sheet*, u, minbarra dan, hija meħlusa minn kull responsabbilta' bis-saħħa tal-klawsoli ta' eżoneru fil-polza ta' tagħbija;

Rat in-Nota mressqa fil-5 ta' Ottubru, 1999, li biha l-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited laqgħet għat-talbiet attriċi billi qalet li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien li messha titressaq. Fil-mertu, qalet li l-attriċi trid turi li l-ħsara li minnha lmenta r-riċevitur seħħet waqt li l-karozzi kienu taħt l-għassa u ż-żamma tagħha: hija tisħaq li qdiet kif imiss l-obbligi tagħha skond il-liġi. Dwar il-ħsara mitluba, l-eċċipjenti tgħid li t-talba hija għolja aktar minn kemm mistħoqq, u li l-ebda mgħax m'għandu jibda jgħaddi fuq dik is-somma ladarba l-azzjoni hija waħda ta' likwidazzjoni tad-danni;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Marzu, 2000[1], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat is-sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2004[2], li bih ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Co. Ltd., u iddikjarat li l-kawża nfetħet fi żmien utli;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-30 ta' Novembru, 2004, li fih il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi oħrajn x'iressqu dwar il-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tas-17 ta' Marzu, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 32 tal-proċess
[2] Paġġ. 77 sa 84 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba ħsara mġarrba minn merkanzija li kienet qegħda tinġarr fuq bastiment. Il-kumpannija attriċi hija aġent f’Malta tal-kumpannija assikuratriċi ta’ kumpannija Maltija li ġabet f’Malta għadd ta’ karozzi li wħud minnhom ġarrbu ħsara waqt il-vjaġġ tagħhom bil-baħar lejn Malta. Billi l-kumpannija assikuratriċi għamlet tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-kumpannija importatriċi, il-kumpannija attriċi qegħda tressaq talba kontra l-kumpanniji mħarrka biex jiġu dikjarati responsabbli għall-ħsara mġarrba mill-assikurat u biex iħallsuha d-danni mġarrba;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited laqgħet billi qalet li l-ħsarat allegati mill-attriċi ma jidhrux fit-*Tally Sheet* u kif ukoll li hija mhix responsabbli minħabba klawsola ta’ esoneru fil-polza ta’ kariku li kienet tirregola l-vjaġġ in kwestjoni;

Illi l-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex ma saritx fiż-żmien. Fil-mertu, hija ċaħdet li kienet b’xi mod responsabbli għall-ħsarat reklamati mill-kumpannija attriċi jew li kellha twieġeb għal tali allegazzjoni;

Illi <u>mill-provi mressqin fl-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-merkanzija li tifforma l-mertu tal-azzjoni attriċi waslet f’Malta fl-1 ta’ Ġunju, 1998, abbord il-bastiment *M.v. Nicholas A*. Il-vjaġġ telaq mill-port ta’ Marsilja, fi Franza fid-29 ta’ Mejju, 1998[3], u dwar il-ġarr inħarġet polza ta’ tagħbija[4]. Il-merkanzija li tifforma l-mertu ta’ din il-kawża kienet tikkonsisti f’għadd ta’ karozzi tal-għamla *Peugeot* li nġabu Malta mill-kumpannija Michael Attard Limited. Dik il-merkanzija kienet assikurata mal-kumpannija attriċi, fil-kwalita’ tagħha hawn fuq imfissra. Il-vetturi nħelsu minn idejn il-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Co. Ltd.

[3] Dok f’paġ. 21 tal-proċess
[4] Dok f’paġ. 22 tal-proċess

(aktar 'il quddiem imsejha "TCH") u għaddew f'idejn l-importatur assikurat fit-2 ta' Ġunju, 1998[5]. Il-ħsara kienet dehret fuq seba' (7) minn fost il-karozzi li ddaħħlu f'dik il-kunsinna ta' sitta u għoxrin (26) karozza[6]. Il-ħsara ssemmiet fid-dokument (il-*Gate Pass-Out*) li bih il-kunsinna ta' karozzi nħelset minn idejn it-TCH[7]. L-importatur irrapporta l-ħsara lill-assikuratriċi tiegħu tliet (3) xhur wara li rtira l-karozzi. Ma sarx *survey* fuq il-karozzi milquta[8];

Illi l-importatur bagħat jitlob lill-kumpanniji mħarrkin biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara f'Awissu tal-1998.[9] Filwaqt li l-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "SML") wieġbet fl-24 ta' Awissu, 1998[10], billi ċaħdet ir-responsabbilta' u ġibdet l-attenzjoni tal-importatur għall-klawsoli tal-polza ta' tagħbija, il-kumpannija l-oħra mħarrka TCH, wieġbet fil-bidu ta' Settembru, 1998[11], billi talbet lill-importatur jibagħtilha aktar tagħrif dwar il-każ. Il-ħsara biex issewwew is-seba' karozzi telgħet għal ħames mija u tmintax-il lira Maltija u tmenin ċenteżmu (Lm 518.80). Il-kumpannija attriċi assikuratriċi għamlet tajjeb għal din il-ħsara u ħallset lill-importatur, li, min-naħa tiegħu, issurrogaha fil-jeddijiet tiegħu[12]. Il-kawża tressqet fl-1 ta' Ġunju, 1999;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, dawn iduru b'mod partikolari mal-kwestjoni tar-responsabbilta' għall-ħsarat reklamati mill-assikurat tal-kumpannija attriċi. Minkejja li l-istess assikurat (ir-riċevitur tal-merkanzija) ma jidhirx li għarraf minnufih lill-kumpannija attriċi b'dak li sab f'uħud mill-karozzi meta ġie biex jirtirahom, ma jidhirx kontestat li, bħala fatt, xi ħsarat kien hemm. Dawn il-ħsarat, imbagħad, lanqas ġew kontestati minn ħadd mill-imħarrkin, bħalma lanqas ma ġie kontestat l-ammont ta'

[5] Dok "Ġ", f'paġ. 12 tal-proċess
[6] Dokument f'paġ. 6 tal-proċess
[7] Dok "F", f'paġ. 11 tal-proċess
[8] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[9] Dokti "B" u "Ċ", f'paġġ. 7 u 8 tal-proċess
[10] Dok "D", f'paġ. 9 tal-proċess
[11] Dok "E", f'paġ. 10 tal-proċess
[12] Dok "Ħ", f'paġ. 13 tal-proċess (liema dokument ma jġibx data)

spejjeż minfuqa mir-riċevitur assikurat biex sewwa dawk il-ħsarat;

Illi l-Qorti tqis li meta l-karozzi tniżżlu minn fuq il-bastiment, ittieħed rendikont tal-merkanzija li nħattet u dan fuq it-*tally sheet*[13]. Fl-imsemmi dokument – li kien jirreferi għall-kunsinna sħiħa ta' karozzi ta' għamliet differenti (mhux biss dik mertu tal-każ) – ma tniżżlet l-ebda rimarka dwar il-kundizzjoni tagħhom. Ix-xhud Martin Borġ[14], impjegat tal-kumpannija mħarrka SML, jagħmilha ċara li ma kien lemaħ l-ebda ħsara fl-ebda waħda mill-karozzi tal-għamla *Peugeot* li tniżżlu minn fuq il-bastiment. Fil-fatt, jirriżulta li, minbarra dik it-*tally sheet*, saret oħra konġunta[15], li wkoll ma ntagħmlet fiha l-ebda rimarka dwar xi ħsara jew nuqqas f'xi waħda mill-karozzi mertu tal-kawża. L-istess dokument, minbarra li jġib il-firma tar-rappreżentant tal-armatur tal-bastiment, fih il-firma wkoll ta' rappreżentant tal-kumpannija mħarrka TCH, li ħadet taħt il-kontroll tagħha l-imsemmija karozzi meta dawn tniżżlu minn abbord. Ta' min jgħid ukoll li, għar-rigward tal-polza ta' tagħbija li kienet tgħodd għall-karozzi mertu ta' din il-kawża, kien hemm imniżżla r-rimarka "*Unprotected motor cars. Ship not responsible for damages and accessories*". Dwar din il-klawsola, l-Qorti kien ikollha għalfejn tagħmel xi kunsiderazzjonijiet – fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni tal-imħarrka SML – li kieku ma kienx għall-fatt li ma jidhirx li tressqu provi li juru li l-ħsara saret waqt il-vjaġġ jew sakemm il-karozzi kienu għadhom fuq il-bastiment li ġabhom f'Malta. Normalment, klawsoli bħal dawn ma jagħtux *carte blanche* lill-vettural[16]. Iżda minħabba fil-fatt li l-Qorti ma hix tal-fehma li l-kumpannija mħarrka SML taħti b'xi mod għall-ħsarat imġarrbin mir-riċevitur, m'għandhiex għalfejn tistħarreġ l-effetti tal-klawsoli ta' eżoneru fil-polza ta' tagħbija li kienet tirrigwarda l-merkanzija mertu ta' din il-kawża;

---

[13] Dok f'paġ. 23 tal-proċess
[14] Affidavit tiegħu 27.11.2001, f'paġ. 61 tal-proċess
[15] Dok "PB", f'paġ. 54 tal-proċess
[16] Ara App. Ċiv. **1.3.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. noe vs Sea Malta Company Limited*** (mhix pubblikata) u P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Ellul noe vs Joseph Apps noe et***

Illi, min-naħa l-oħra, meta l-karozzi ġew biex jinħarġu mix-Xatt tal-Laboratorju li huwa lok taħt il-kontroll ta' TCH, issemma li wħud mill-karozzi li ġew rilaxxati kellhom xi ħsarat fihom. Dan issemma fil-Gate Pass Out. Dan id-dokument kien iffirmat minn rappreżentant tat-TCH u wkoll minn rappreżentant tar-riċevitur. Magħhom kien hemm ukoll is-*surveyor* tar-riċevitur, wieħed John Falzon, li eżamina l-karozzi qabel inħarġu minn taħt idejn it-TCH[17]. Kien fuq dan id-dokument li s-*surveyor* mqabbad mill-kumpannija attriċi qagħad biex inħareġ ir-rapport tiegħu, u dan billi kien biss f'Settembru li r-riċevitur (il-kumpannija assikurata) għarraf lill-kumpannija attriċi bil-ħsara. Għalhekk, minn dak il-fatt, ix-xhieda ta' Mark Micallef[18] m'hijiex waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha. Kemm hu hekk, is-*survey report* innifsu jindika li fil-fatt ma sar l-ebda *survey* fuq il-karozzi. Dan jidher li hu l-każ, mhux biss sakemm dawn kienu għadhom ix-xatt, iżda fl-ebda waqt qabel sarulhom it-tiswijiet meħtieġa;

Illi f'każijiet bħal dawn l-istħarriġ tal-pretensjonijiet attriċi jiddependi wisq minn kemm id-dokumenti li jixhdu l-ġrajja tat-traġitt għandhom jitwemmnu. Dan jingħad għaliex dawk id-dokumenti, ġeneralment, ikunu saru fil-ħin tal-ġrajja partikolari u jkunu għalhekk mistennija li jservu bħala dokumentarju ta' dawk il-ġrajja[19]. Kif ingħad b'awtorita' kostanti[20], it-tiftix għar-responsabbilta' f'każijiet ta' *claims* dwar merkanzija tintrabat ma' żewġ waqtiet fokali: l-ewwel huwa dak il-waqt meta l-merkanzija tinħatt minn fuq il-bastiment (liema operazzjoni tiġi normalment riflessa fit-*tally sheet*) u t-tieni waqt huwa dak meta l-merkanzija tinħeles favur l-importatur jew destinatarju tal-merkanzija (liema operazzjoni tiġi normalment riflessa fil-*Gate Pass-out*);

Illi l-imsemmija dokumenti jagħmlu prova qawwija u ta' min joqgħod fuqha ta' dak li jgħidu, imma hija prova *juris tantum* u mhux irribattibbli[21] li tista' titwaqqa' biss bi provi

[17] Xhieda tiegħu 10.5.2001, f'paġ. 50 tal-proċess
[18] 27.7.2000, f'paġ. 37 tal-proċess
[19] App. Kumm. **6.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***David Curmi noe Carmel Mallia et noe***
[20] Ara, per eżempju, P.A. PS **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Micallef Stafraċe noe vs Godwin Abela et noe*** fost l-oħrajn.
[21] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Galdes noe et vs Godwin Abela noe et***

oħrajn daqstant qawwija. Għalhekk, dawn id-dokumenti ma jistgħux jitwarrbu fuq sempliċi konġettura, jew taħt l-iskuża li jkunu saru b'għaġġla u nuqqas ta' reqqa[22], jew bi provi li jitnisslu wara ż-żmien li għalihom dawk id-dokumenti jirreferu[23]. Fuq kollox, l-imsemmija dokumenti iridu jkunu mera tal-proċess tal-ġarr tal-merkanzija li għalih jirreferu u jippruvaw, għalhekk, l-istat ta' dik il-merkanzija f'kull waqt determinanti tal-vjaġġ sal-konsenja lill-importatur[24];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti l-istħarriġ tal-ilmenti tal-kumpannija attriċi dwar il-ħsara mġarrba mill-merkanzija tal-assikurat tagħha jinbnew essenzjalment fuq iż-żewġ *tally sheets* li saru meta l-karozzi kienu qegħdin jitniżżlu minn fuq il-bastiment, u mill-*Gate Pass-Out* li sar meta l-karozzi nħelsu f'idejn ir-riċevitur. Għall-Qorti huwa fatt ta' siwi kbir li l-ebda waħda mill-partijiet ma meriet il-kontenut tal-imsemmija dokumenti. Minbarra dan, jidher li l-partijiet ressqu ftit provi aktar mill-imsemmija dokumenti u x-xhud li nġiebu xehdu, tista' tgħid, dwarhom biss;

Illi meta wieħed jibni l-fatti riżultanti mill-imsemmija dokumenti, wieħed ikollu jasal għall-fehma loġika li l-ħsara mġarrba mill-assikurat tal-kumpannija attriċi seħħet sakemm il-karozzi kienu miżmuma – wkoll jekk għal żmien qasir ta' anqas minn jumejn – taħt il-kontroll tal-imħarrka TCH. Fis-sempliċita' ta' dak li juru dawn il-provi dokumentali, il-karozzi tniżżlu bla ħsara minn fuq il-bastiment *M.v. Nicholas A*, iddaħħlu minnufih fil-moll tax-Xatt tal-Laboratorju kontrollat mill-imħarrka TCH, u nħarġu minn hemm l-għada b'uħud minnhom bil-ħsara. Minn dawn id-dokumenti, titnissel il-prova li l-merkanzija tgħarrqet kemm damet fil-kontroll tal-kumpannija mħarrka TCH. Fiż-żmien li hija kienet qegħda żżomm dik il-merkanzija, kellha l-obbligi ta' depożitarja li titħallas tas-servizz li tagħti u li, għalhekk, kellha twettaq id-dmirijiet

[22] App. Ċiv. **12.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd. noe vs SeaMalta Co Ltd. et***
[23] App. Kumm. **20.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt noe vs Sciberras noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.903**)
[24] App. Ċiv. **19.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Giovanni Griscti noe vs John Cooper noe et*** (mhix pubblikata)

tagħha bl-ogħla grad ta' għaqal u kura[25]. Mill-fatt li jirriżulta li xi karozzi saritilhom ħsara kemm damu fil-kustodja tagħha, jinstilet il-fatt li hija naqset li twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha u għalhekk taħti għall-imsemmija ħsarat u trid tagħmel tajjeb għalihom;

Illi jibqa' biss il-kwestjoni tal-parti tat-talba attriċi li titlob il-ħlas tal-ispejjeż tas-*survey*. Il-Qrati tagħna f'kawżi bħal dawn, normalment, iqisu dawn l-ispejjeż minfuqin biex isir rapport ta' *surveyor* bħala ħlas meħtieġ biex jista' jiġi stabilit id-dannu mġarrab mill-assikurat[26]. Iżda huwa wkoll stabilit li t-talba għall-ħlas tal-ispejjeż tar-rapport tas-*surveyor* ma tistax titqies bħala parti mll-jeddijiet li fihom il-kumpannija assikuratriċi tiġi surrogata fil-jeddijiet tal-assikurat tagħha, għaliex is-*survey* ma jħallasx għalih ir-riċevitur assikurat[27]. Għalhekk, dawn l-ispejjeż jistgħu jintalbu mill-kumpannija assikuratriċi biss jekk iseħħilha turi li tassew nefqithom hi u tassew ikun sar is-*survey* li dwaru qegħda tippretendi l-ħlas;

Illi, fil-każ li għandna quddiemna, jirriżulta li s-*survey* ma sarx għaliex ma setax isir, u dan billi r-riċevitur ma għarrafx lill-assikuratriċi tiegħu bil-ħsara li ħarġet fis-seba' vetturi jekk mhux tlitt xhur wara li ħa l-karozzi f'idejh. Dan il-fatt joħroġ ukoll mir-rapport maħruġ mis-*surveyor* f'dan ir-rigward. Fis-sewwa, l-istess rapport jindika li ntalab ħlas ta' Lm 35 għalih mis-*surveyor* u dan talli sempliċement irrimarka dak li kien hemm imniżżel fil-*Gate Pass-out*. Fil-fehma tal-Qorti, ladarba s-*survey* ma sarx, ma jistax jintalab il-ħlas tal-ispejjeż tal-istess *survey.* Id-dikjarazzjoni magħmula fir-rapport ma żiedet xejn mal-proċess tal-likwidazzjoni tal-ħsara mġarrba mill-assikurat;

Illi, mill-bqija, għar-rigward tal-ammont ta' ħsara li tagħha l-kumpannija attriċi għamlet tajjeb lill-assikurat tagħha għat-tiswija tal-ħsarat riskontrati, ma jidher li hemm l-ebda

---

[25] Ara App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Causon noe vs Abela noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1284)**

[26] App. Ċiv. **15.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef Stafraċe noe vs Abela noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.147)**

[27] App. Kumm. **6.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Robert Staines noe vs Godwin Abela noe et*** (mhix pubblikata)

kontestazzjoni u l-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba attriċi f'dak ir-rigward;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited waħedha taħti għall-ħsarat imġarrba f'seba' (7) karozzi minn kunsinna ta' sitta u għoxrin (26) li tniżżlu minn fuq il-bastiment *M.v. Nicholas A* fl-1 ta' Ġunju, 1998, liema ħsara l-kumpannija attriċi assikuratriċi għamlet tajjeb mar-riċevitur assikurat tagħha;

**Tilqa' l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida d-danni mġarrba mill-kumpannija attriċi fis-somma ta' ħames mija u tmintax-il lira maltija u tmenin ċenteżmu (Lm 518.80);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka The Cargo Handling Company Limited tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta'Lm 518.80 bħala danni likwidati kif fuq ingħad;

U tordna li l-istess kumpannija mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża** (magħdudin dawk tas-sentenza preliminari tat-3 ta' Ġunju, 2004), minbarra l-ispejjeż tal-kumpannija mħarrka Sea Malta Company Limited li għandha tħallashom il-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------